MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tad-19 ta' Frar, 2009

Numru 24/2009

Kevin Caruana u Antonia Caruana u Vincent u Catherine konjugi Camilleri
vs
Carmen u Ronald konjugi German

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**

Rat ir-rikors ta' Carmen u Ronald konjugi German, li bih esponew:

Illi fit-22 ta' Dicembru 2008, din il-Qorti orndat il-hrug tal-mandat ta' deskrizzjoni 2028/08LM u dan fuq talba ta' Kevin Caruana u ohrajn.

Illi dan il-mandat inhareg a bazi tal-premessa li r-rikorrenti jridu jesegwixxu s-sentenza fl-ismijiet premessi moghtija minn din il-Qorti nhar il-11 ta' Jannar 2005 (Citazzjoni Numru 846/01).

Illi l-mandat ta' deskrizzjoni jemani mill-artikolu 830 tal-Kap 12 li fih huma elenkati l-mandati kawtelatorji u cioe` dawk il-mandati li jistghu jigu mahruga qabel ma jkun ottjenut titolu ezekuttiv ta' dritt pretiz minn min jitlob il-hrug ta' dak il-mandat.

Illi l-mandat ta' deskrizzjoni ma huwiex elenkat fl-artikolu 273 li jindika dawk il-mandati ezekuttivi li jistghu jinhargu in segwitu ghall-ottjenimnet ta' titolu ezekuttivi.

Wara li jkun ottjenut titolu ezekuttiv, f'dan il-kaz sentenza li permezz taghha r-rikorrenti gew kanonizzati kredituri tar-rikorrenti odjerni, ma hemm ebda dritt li ghandu jigi kawtelat izda, jekk jidrilhom, il-kredituri jistghu jitolbu biss il-hrug ta' dawk il-mandati elenkati fl-artikolu 273 u cioe` mandati ezekuttivi.

Illi ghalhekk, dan il-mandat huwa null stante li ma jsib ebda bazi fil-ligi u proceduralment huwa irritu ghar-ragunijiet hawn fuq elenkati.

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti talbu li din il-Qorti joghgobha (1) tissospendi l-ezekuzzjoni ta' dan il-mandat pendenti s-smiegh ta' dan ir-rikors u (2) konsegwentement, tirrevoka d-digiret ghall-hrug ta' dan il-mandat u taghti kull kontraordni opportuna ghall-istess mandat u dan skond dawk il-provvedimenti li din il-Qorti jidrilha xierqa u opportuni.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta ta' Kevin Caruana, Antonia Caruana u Vincent u Catherine konjugi Camilleri li biha esponew:

Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom billi:

1. Fl-ewwel lok il-mandat gja gie ezegwit u ghalhekk it-talba ghas-sospensjoni giet sorpassata;

2. Fit-tieni lok illi kif jirrizulta mill-atti l-mandat ta' deskrizzjoni nhareg in kawtela tad-drittijiet ta' l-intimati li

gew dedotti permezz ta' procedura ta' rkant pendent quddiem din il-Qorti diversament presjeduta. Illi fil-fatt id-dritt ghall-hlas ta' dak li l-konjugi German gew ikkundannati jhallsu ghandu jigi kawtelat fost l-ohrajn bil-procedura tal-mandat ta' deskrizzjoni;

3. Fit-tielet lok ghandu jigi rilevat li l-artikobu 273 ma huwiex tassattiv u jsemmi biss uhud mill-metodi disponibbli biex wiehed jenforza sentenza. Ma hemm xejn fil-ligi li jzomm kreditur milli johrog mandat ta' deskrizzjoni wara li jkun ottjena sentenza;

Ghaldaqstant hi l-umli sottomissjoni ta' l-intimati li din il-Qorti ghandha tichad it-talba tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra taghhom.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Illi r-rikorrenti qed jitlob is-sospensjoni ta' l-ezekuzzjoni tal-mandat *de quo* u konsegwenti revoka tad-digriet tal-hrug tal-mandat u dan peress li fil-ligi, Kap 12 artikolu 830, jitkellem dwar mandati kawtelatorji waqt li l-artikolu 273 ma jsemmix il-Mandat ta' Deskrizzjoni. Dan l-ahhar artikolu jitkellem dwar il-mandati ezekuttivi, u cioe` dawk in segwitu ta' l-otteniment ta' titolu ezekuttiv u peress ghalhekk li f'dan l-istadju tezisti sentenza fil-konfront tal-konvenuti, fil-fehma taghhom il-Mandat ta' Deskrizzjoni ma jistax jintalab u fil-fehma taghhom iwassal ghal nullita`.

Min-naha l-ohra l-komparenti Caruana u Camilleri jsostnu li l-artikolu 273 tal-Kap 12 mhux tassattiv u jsemmi biss uhud mill-metodi disponibbli biex wiehed jenforza sentenza.

Ikkunsidrat li ma hemm xejn fil-ligi li jzomm kreditur milli johrog Mandat ta' Deskrizzjoni wara li jkun ottjena sentenza. L-interpretazzjoni li qed jaghtu r-rikorrenti hija

wahda li twassal ghall-fatt li fil-mument li wiehed ikollu titolu ezekuttiv, id-drittijiet tieghu qed jitnaqqsulu mentri fil-fatt l-iskop tal-mandat *de quo* kien li jikkawtela l-kreditu ossija l-hlas, u mhux id-dritt per se. L-iskop kien li ma jhallux lid-debitur li jwarrab proprjeta` disponibbli li tissodisfa kreditu. Jirrizulta wkoll li *in parte* l-mandat gja gie ezegwit u kull sospensjoni *ormai* sorpassata.

**D. KONKLUZJONIJIET:**

Ghal dawn il-motivi tichad it-talba.

Minhabba n-natura tal-kaz, spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------